



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 15.11.2011
KUMM(2011) 735 finali

GREEN PAPER

dwar id-dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jgħixu fl-Unjoni Ewropea (Id-Direttiva 2003/86/KE)

I. INTRODUZZJONI U L-GĦAN TAL-GREEN PAPER

Għall-immigranti, ir-riunifikazzjoni tal-familja hija essenzjali biex ikunu jistgħu jgħixu l-ħajja normali fil-familja. Sa mill-2003 jeżistu regoli komuni Ewropej dwar l-immigrazzjoni biex jirregolaw il-kundizzjonijiet li permezz tagħhom iċ-ċittadini ta' pajjiż terz ikunu jistgħu jeżerċitaw, fil-livell tal-UE, id-dritt li l-familja tagħhom tiġi riunifikata.¹ Id-Direttiva tiddefinixxi l-kundizzjonijiet ta' dħul u ta' residenza għall-membri tal-familja li mhumiex ċittadini tal-UE li jingħaqdu ma' ċittadin ieħor ta' pajjiż mhux membru tal-UE u li jkun diġà qed jgħix legalment fi Stat Membru. Din id-Direttiva ma tapplikax għaċ-ċittadini tal-UE.²

Meta ġiet adottata, kien meqjus li din id-Direttiva kienet biss il-bidu tal-armonizzazzjoni u wara li ġiet adottata, l-Organizzazzjonijiet Mhux Governattivi (OMG) u l-akkademiċi ikkritikawha għax tistabilixxi livell pjuttost baxx ta' armonizzazzjoni. Fl-istess ħin, f'dawn l-aħħar snin, xi Stati Membri stipulaw xi regoli restrittivi u appellaw ukoll biex issir modifika fid-Direttiva³ sabiex ikun possibbli li jżiedu xi kundizzjonijiet oħrajn għar-riunifikazzjoni tal-familja. Dawn l-Istati Membri jiddikjaraw li dawn it-tibdiliet huma meħtieġa biex jinqata' l-abbuż u biex il-fluss kbir ta' immigranti jiġi ġestit aħjar.

Fil-fatt, ir-riunifikazzjoni tal-familja tirrappreżenta sehem kbir, iżda li qed jonqos⁴, ta' immigrazzjoni legali. Fil-bidu tas-snin 2000, kien jidher li fil-pajjiżi li kienu jżommu dejta affidabbli, il-migrazzjoni tal-familja kienet tirrappreżenta iktar minn 50% tal-immigrazzjoni totali. Illum, il-migrazzjoni tal-familja tirrappreżenta madwar terz tal-immigrazzjoni kollha fl-UE. Dan is-sehem huwa saħansitra iżgħar meta wieħed iqis biss lil dawk li huma milquta mid-Direttiva - jiġifieri iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jingħaqdu ma' ċittadini oħra li ma jkunux ċittadini tal-UE, u li bejn wieħed u ieħor jirrappreżentaw 500.000 migrant fil-livell tal-UE, 21 punt perċentwali tal-permessi kollha⁵.

Kemm il-Programm ta' Stokkolma kif ukoll il-Patt Ewropew dwar l-immigrazzjoni u l-asil identifikaw li r-riunifikazzjoni tal-familja hija kwistjoni fejn jeħtieġ li l-politiki tal-UE jiġu żviluppati iktar, b'attenzjoni speċjali għall-miżuri ta' integrazzjoni. Fl-ewwel rapport tagħha dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva (COM 2008/610)⁶, il-Kummissjoni stess identifikat il-problemi nazzjonali fl-implimentazzjoni tad-Direttiva u n-nuqqasijiet tagħha. Min-naħa l-oħra, ġew identifikati għadd żgħir ta' kwistjonijiet trasversali relatati ma' traspożizzjoni skorretta (id-dispożizzjonijiet dwar il-faċilitazzjoni tal-viża, l-għotja ta' permessi ta' residenza

¹ Id-Direttiva 2003/86 dwar id-dritt għal riunifikazzjoni tal-familja. Minn issa 'l quddiem imsejħa "id-Direttiva"

² Is-sitwazzjoni tar-riunifikazzjoni tal-familja taċ-ċittadini tal-UE u ta' qrabathom ċittadini ta' pajjiżi terzi hija koperta mil-liġi tal-UE permezz tad-Direttiva 2004/38/KE. Madankollu, din id-Direttiva tkopri biss każijiet meta ċittadin tal-Unjoni jmur, jirrisjedi jew ikun diġà rrisjeda fi Stat Membru differenti mill-Istat Membru tan-nazzjonalità tiegħu u jingħaqad miegħu jew jakkumpanjah membru tal-familja li jkun ċittadin ta' pajjiż terz.

³ Dokument dwar il-pożizzjoni li hađu l-Olandiżi fir-rigward tal-politika tal-UE dwar il-migrazzjoni.

⁴ Probabbilment dan it-tnaqqis huwa parzjalment marbut ma' bidliet li saru dan l-aħħar fil-politika f'xi Stati Membri li introduċew kundizzjonijiet iktar stretti. Jingħad li permezz ta' dawn il-bidliet fil-politika l-flussi kbar tal-immigrati qed jiġu ġestiti aħjar, imma jixħtu dubbi fuq id-dritt irrikonoxxut għar-riunifikazzjoni tal-familja hekk kif stipulat fid-Direttiva, li bħalissa hija forma ta' garanzija legali minima fl-UE kollha.

⁵ EUROSTAT- Jekk jogħġbok ara iċ-ċifri speċifiċi fl-anness; m'hemmx dejta fil-każ tal-Estonja, tal-Lussemburgu u tal-Pajjiżi l-Baxxi.

⁶ <http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=COM:2008:0610:FIN:MT:PDF>.

awtonoma, il-konsiderazzjoni tal-aħjar interessi tat-tfal, rimedji legali u dispożizzjonijiet iktar favorevoli għar-riunifikazzjoni tal-familja tar-refuġjati). Min-naħa l-oħra, ir-rapport ikkonkluda li d-Direttiva tagħti ħafna diskrezzjoni lill-Istati Membri meta jiġu applikati wħud mid-dispożizzjonijiet tagħha (il-klawżoli li jkun fihom il-kelma "jistgħu"), b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-possibilità ta' perjodu ta' stennija, ir-reqwizit tad-dħul u l-possibilità ta' miżuri ta' integrazzjoni.

Fid-dawl ta' dan kollu, il-Kummissjoni tqis li jeħtieġ li jitnieda dibattitu pubbliku dwar ir-riunifikazzjoni tal-familja, fejn jiġu enfasizzati ċerti kwistjonijiet fl-ambitu tad-Direttiva⁷, li huwa l-għan ta' din il-Green Paper. Il-partijiet interessati kollha huma mistiedna jwieġbu għal mistoqsijiet differenti dwar kif jista' jkun hemm regoli iktar effikaċi dwar ir-riunifikazzjoni tal-familja fil-livell tal-UE u kif jistgħu jingħataw l-informazzjoni u d-dejta fattwali disponibbli dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva biex dawn isaħħu l-valutazzjoni kwalitattiva li ġiet ipprovduta. Wieħed irid iżomm f'moħħu l-għan tad-Direttiva, jiġifieri li jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet għall-eżerċitazzjoni tad-**dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja** u li tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet fi Stat Membru partikolari⁸. Il-Kummissjoni tixtieq tistieden b'mod partikolari lill-Istati Membri li għamlu rapporti dwar problemi ta' abbuż mid-dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja, biex jispeċifikaw u jikkwantifikaw dawn il-problemi sabiex ikun possibbli li jiġu indirizzati b'mod iktar iffukat fil-livell tal-UE.

Fuq il-bażi tar-riżultati ta' din il-konsultazzjoni, il-Kummissjoni se tiddeċiedi dwar jekk jeħtieġx li jkun hemm politika konkreta (pereżempju l-modifika tad-Direttiva, il-ħruġ ta' linji gwida dwar l-interpretazzjoni jew l-istatus quo). Kwalunkwe strument tal-UE li possibilment jista' jkun hemm għandu jkun konformi mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, b'mod partikolari mar-rispett lejn il-ħajja privata u tal-familja, mad-dritt għaż-żwieġ, mad-drittijiet tat-tfal, mal-prinċipju li m'għandux ikun hemm diskriminazzjoni, kif ukoll ma' obbligi internazzjonali oħra. Għaldaqstant, il-Kummissjoni se tiżgura li kwalunkwe tkompli li jista' jkun hemm għandha tkun sottoposta għal evalwazzjoni fil-fond tal-impatt tagħha fuq id-drittijiet fundamentali, u l-konformità tagħha mal-Karta, skont "il-lista ta' verifika tad-drittijiet fundamentali" li kienet stabbilita mill-Kummissjoni fl-Istrateġija tagħha dwar l-implimentazzjoni effikaċi tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.⁹

II. IL-MISTOQSIJET GĦALL-PARTIJET INTERESSATI

1. KAMP TA' APPLIKAZZJONI

1.1 Min jikkwalifika bħala sponsor għall-iskop tad-Direttiva?

Id-Direttiva tidentifika żewġ kundizzjonijiet biex wieħed ikun eliġibbli bħala sponsor għar-riunifikazzjoni tal-familja; permess validu ta' residenza ta' mill-inqas sena u prospetti

⁷ Notevolment, din il-konsultazzjoni ma tirrigwardax il-kwistjonijiet marbuta mad-Direttiva 2004/38/KE dwar id-dritt ta' ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom li jiċċirkolaw u jgħixu bla xkiel fit-territorju tal-Istati Membri.

⁸ Ara l-premessa 4 tad-Direttiva.

⁹ COM(2010)573 finali tad-19.10.2010; ara wkoll l-Operational Guidance on taking account of Fundamental Rights in Commission Impact Assessments (Il-Gwida Operattiva dwar kif għandhom jitqiesu d-Drittijiet Fundamentali fl-Evalwazzjonijiet ta' Impatt tal-Kummissjoni), SEC(2011) 567 finali tas-6.5.2011.

raġonevoli ta' ksib tad-dritt ta' residenza permanenti¹⁰ (Artikolu 3(1)). Id-Direttiva tagħti lok għall-interpretazzjoni min-naħa tal-Istati Membri f'dak li għandu x'jaqsam mat-tieni kundizzjoni, u dan jista' jwassal għal insikurezza u għall-esklużjoni ta' kważi kull ċittadin ta' pajjiż terz mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva.

Barra minn dawn iż-żewġ kundizzjonijiet, l-Artikolu 8(1) jippermetti lill-Istati Membri li jintroduċu perjodu minimu ta' residenza legali (ta' mhux aktar minn sentejn) qabel ma sseħħ ir-riunifikazzjoni. Dan ifisser li l-applikazzjoni tista' tiġi ppreżentata, iżda l-Istati Membri jistgħu jippostponu l-għotja tar-riunifikazzjoni tal-familja sad-data tal-iskadenza tal-perjodu ddeterminat mil-leġislazzjoni tagħhom.

M1

Dawn il-kriterji (prospett raġjonevoli ta' ksib tad-dritt ta' residenza permanenti fiż-żmien li ssir l-applikazzjoni, kif regolata mill-Artikolu 3 u perjodu ta' stennija sakemm ir-riunifikazzjoni sseħħ fil-fatt, kif regolata mill-Artikolu 8) huma l-metodu t-tajjeb u l-aħjar mod kif wieħed jikkwalifika l-isponsors?

1.2. L-eleġibilità tal-membri tal-familja

1.2.1. Dispożizzjonijiet obbligatorji – il-familja magħmula mill-missier, l-omm u t-tfal

Bħalissa, skont l-Artikolu 4(1), id-Direttiva tirrikjedi li (dejjem skont il-kundizzjonijiet l-oħra tad-Direttiva) l-Istati Membri jawtorizzaw id-dħul u r-residenza tal-familja “nukleari” jew tal-“qalba”, li tinkorpora l-konjuġi tal-isponsor u t-tfal minorenni tal-isponsor jew tal-konjuġi. Madankollu, id-Direttiva tippermetti li jkun hemm xi restrizzjonijiet anki f'din il-kategorija.

F'dak li jirrigwarda l-**konjuġi**, skont l-Artikolu 4(5) l-Istati Membri jistgħu jstipulaw età minima (il-limitu massimu tad-Direttiva huwa 21 sena) u dan indipendentement minn jekk din l-età tkunx l-istess bħall-età li fiha l-Istat Membru partikolari jqis li persuna tkun saret maġġorenni. Ir-raġuni wara din id-dispożizzjoni kienet il-preokkupazzjoni li r-regoli dwar ir-riunifikazzjoni tal-familja setgħu jiġu abbużati biex isiru żwiġijiet sfurzati. Madankollu, huwa diffiċili li ssir valutazzjoni dwar jekk din hix problema reali u, jekk iva, kemm hi kbira.

M2

Huwa leġittimu li jkun hemm età minima fir-rigward tal-konjuġi, li tkun differenti mill-età li fiha l-Istat Membru partikolari jqis li persuna tkun saret maġġorenni? Fil-kuntest tar-riunifikazzjoni tal-familja, hemm metodi oħrajn biex jiġu evitati każijiet fejn l-għarajjes ikunu mġiegħla jiżżewġu u, jekk iva, liema huma?

Hemm evidenza ċara dwar il-problema ta' każijiet fejn l-għarajjes ikunu mġiegħla jiżżewġu? Jekk iva, kemm hi kbira din il-problema (statistikament) u għandha rabta mar-regoli dwar ir-riunifikazzjoni tal-familja (biex tiġi stipulata età minima differenti mill-età li fiha l-Istat iqis li persuna tkun saret maġġorenni)?

¹⁰ Skont il-ħidma ta' thejjiġa (travaux préparatoire), l-idea wara din il-kundizzjoni kienet li d-dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja ma jkunx miftuħ għal persuni li jkunu qegħdin fil-pajjiż temporanjament mingħajr possibiltà ta' tiġdid.

Fil-każ ta' **tfal minorenni**, id-Direttiva tippermetti li jkun hemm żewġ restrizzjonijiet oħra, it-tnejn f'forma ta' deroga biex ikun hemm klawżola li tippermetti li jinżamm l-istatus quo (klawżola stand-still). L-ewwel waħda (l-Artikolu 4(1) l-aħħar inċiż), li tirrikjedi li tfal ta' età ta' iktar minn 12-il sena li jaslu indipendentement mill-kumpliment tal-familja tagħhom juru li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' integrazzjoni¹¹, intużat biss minn Stat Membru wieħed. It-tieni restrizzjoni li tista' tiġi applikata (l-Artikolu 4(6)), li tistipula li tfal ta' età ta' iktar minn 15-il sena jistgħu jintalbu jidħlu fl-Istat Membru għal raġunijiet differenti mir-riunifikazzjoni tal-familja - ma ntużat minn l-ebda Stat Membru.

M3

Taħseb li hemm interess biex jibqgħu daww il-klawżoli biex jinżamm l-istatus quo li ma jintużawx mill-Istati Membri, bħal dik li tirrigwarda t-tfal ta' età ta' iktar minn 15-il sena?

1.2.2. Klawżola fakultattiva – membri oħrajn tal-familja

Peress li d-Direttiva tobbliga lill-Istati Membri biex jiżguraw li sseħħ ir-riunifikazzjoni tal-familja nukleari/tal-qalba, l-Istati Membri għandhom il-libertà li jiddeċiedu jekk jinkludux membri oħrajn fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom (Artikolu 4(3)). Minkejja l-fatt li din il-klawżola hija waħda fakultattiva, klawżola li tuża l-kelma "jistgħu", iktar minn nofs l-Istati Membri għażlu li jinkludu lill-ġenituri tal-isponsor u/jew il-konjuġi tiegħu jew tagħha. Wieħed għandu jinnota li f'dan il-kuntest huwa sottointiż mill-premessa 5 tad-Direttiva li l-Istati Membri li jirrikonoxxu ż-żwiġijiet bejn persuni tal-istess sess fil-liġi nazzjonali tagħhom tal-familja, għandhom jirrikonoxxuhom ukoll meta japplikaw id-Direttiva¹². Fuq l-istess linja, kull meta l-liġi nazzjonali tal-familja tkun tirrikonoxxi s-sħubijiet irreġistrati bejn persuni tal-istess sess u l-Istati Membri jkunu japplikaw favur is-sħab irreġistrati l-klawżola fakultattiva "jistgħu" tad-Direttiva, dawn iridu jagħmlu l-istess ħaġa għal sħab tal-istess sess.

M4

Ir-regoli dwar l-eliġibilità tal-membri tal-familja huma xierqa u wesgħin biżżejjed biex iqisu d-definizzjonijiet differenti ta' familja li jeżistu minbarra d-definizzjoni ta' familja nukleari?

2. IR-REKWIŻITI GĦALL-EŻERĊIZZJU TAD-DRITT GĦAL RIUNIFIKAZZJONI TAL-FAMILJA

Id-Direttiva ma tobbligax lill-Istati Membri biex jintroduċu kundizzjonijiet għar-riunifikazzjoni tal-familja bħal miżuri varji ta' integrazzjoni, imma tippermettilhom li jintroduċuhom - b'mod kuntrarju, xi kundizzjonijiet oħrajn ma jistgħux jiġu applikati fir-rigward tar-riunifikazzjoni tal-familja fl-UE.

2.1 Miżuri ta' integrazzjoni

Il-klawżola fakultattiva (l-Artikolu 7(2)) tippermetti lill-Istati Membri jirrikjedu li ċittadini ta' pajjiżi terzi jikkonformaw ma' miżuri ta' integrazzjoni. Dan ir-reqwizit kien wieħed mir-

¹¹ Ara l-paġna numru 5 tar-rapport (COM 2008/610).

¹² "L-Istati Membri għandhom jattwaw id-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva mingħajr diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' sess, razza, kulur, oriġini etnika jew soċjali, karatteristiċi ġenetiċi, lingwa, reliġjon jew twemmin, opinjonijiet politiċi jew opinjonijiet oħrajn, sħubija f'minorità nazzjonali, ġid, twelid, diżabilitajiet, età jew orjentazzjoni sesswali."

rekwiżiti l-iktar kontroversjali u diskussi waqt in-negozjati. Bħalissa, fid-Direttiva kif inhi m'hemmx indikazzjoni preċiża dwar x'għandhom jinvolvu dawn il-miżuri ta' integrazzjoni u kif għandhom jiġu applikati, u huma użati f'xi Stati Membri biss. Dawn il-miżuri huma użati fi tliet Stati Membri bħala kundizzjoni qabel id-dħul fit-territorju, billi l-membri tal-familja huma mitlubin jgħaddu minn testijiet tal-lingwa, minn test dwar l-għarfien dwar is-soċjetà li tkun se tilqagħhom jew li jiffirmaw kuntratt li permezz tiegħu jkunu obbligati li meta jidħlu fil-pajjiż jattendu għal korsijiet ċiviċi jew lingwistiċi, jekk ikun meħtieġ. Xi Stati Membri oħra jirrikjedu li l-membri tal-familja jieħdu ċerti obbligi biss fil-mument meta jidħlu fil-pajjiż, bħall-parteeċipazzjoni f'korsijiet ta' integrazzjoni (prinċipalment tal-lingwa).

L-ammissibilità tal-miżuri ta' integrazzjoni – kif diġà ddikjarat fir-rapport ta' valutazzjoni - għandha tiddependi fuq jekk jilhqax l-iskop li tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni u jekk jirrispettawx il-prinċipji tal-proporzjonalità¹³ u tas-sussidjarjetà. Id-deċiżjonijiet dwar l-applikazzjoni għar-riunifikazzjoni tal-familja fir-rigward ta' jekk il-persuni kkonċernati għaddewx it-testijiet għandhom iqisu d-disponibilità ta' faċilitajiet ta' preparazzjoni (informazzjoni tradotta, korsijiet) u kemm huma aċċessibbli (lokalità, tariffi). Għandhom jiġi meqjusa ċ-ċirkostanzi individwali speċifiċi (bħall-illitteriżmu u l-kundizzjonijiet mediċi ppruvati).

L-Aġenda Ewropea mġedda għall-Integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi¹⁴ fiha rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-Istati Membri anki dwar id-disponibilità ta' korsijiet tal-lingwa, li jirriflettu l-ħtiġijiet differenti tal-migranti fl-istadji differenti tal-proċess ta' integrazzjoni tagħhom, inklużi programmi ta' introduzzjoni għall-migranti li jkunu għadhom kif jaslu.

M5

Dawn il-miżuri qed jilhqax l-iskop tal-integrazzjoni b'mod effiċjenti? Dan kif jista' jiġi evalwat fil-prattika? Liema huma l-iktar miżuri effikaċi ta' integrazzjoni f'dak ir-rigward?

Tqis li huwa utli li dawn il-miżuri jiġu definiti ulterjorment fil-livell tal-UE?

Tirrakkomanda li jkun hemm miżuri ta' qabel id-dħul? Jekk iva, kif jistgħu jiġu introdotti salvagwardji sabiex jiġi żgurat li fil-fatt ma jwasslux biex ikun hemm ostakli bla bżonn għar-riunifikazzjoni tal-familja (bħal tariffi jew rekwiżiti sproporzjonati) u jiġu meqjusa l-kapaċitajiet individwali bħall-età, il-illitteriżmu, id-diżabilità u l-livell ta' edukazzjoni?

2.2 Il-perjodu ta' stennija fir-rigward tal-kapaċità ta' akkoljenza

It-tieni inċiż tal-Artikolu 8 jagħmel dispożizzjoni biex ikun hemm deroga speċifika għal dawk l-Istati Membri li kienu qiesu l-kapaċità ta' akkoljenza fil-leġiżlazzjoni tagħhom meta għet adottata d-Direttiva. Dan jippermettilhom li jintroduċu perjodu ta' stennija ta' tliet snin li jibda jiddekorri minn meta tiġi ppreżentata l-applikazzjoni. Fir-rigward ta' din il-klawżola, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QTĠ) kkjarifikat¹⁵ li jekk il-kundizzjonijiet jiġu ssodisfati, irid jinħareġ permess ta' residenza mhux iktar tard minn tliet snin minn meta tiġi ppreżentata l-applikazzjoni.

¹³ Għal aktar dettalji, ara t-Taqsima 4.3.4 tar-rapport.

¹⁴ COM (2011) 455 finali adottata fid-19/07/2011

¹⁵ C 540/03 paragrafi 100 u 101.

Fi kliem ieħor, il-kapaċità ta' akkoljenza tista' tkun wieħed mill-fatturi li jitqiesu meta tiġi kkunsidrata applikazzjoni, imma ma tistax tiġi interpretata bħala awtorizzazzjoni għal xi sistema ta' kwota jew għall-impożizzjoni ta' perjodu ta' stennija ta' tliet snin mingħajr ma jiġu kkunsidrati ċ-ċirkostanzi partikulari tal-każijiet speċifiċi. Din id-deroga hija użata biss minn Stat Membru wieħed.

M6

Fid-dawl tal-applikazzjoni tagħha, huwa neċessarju u ġustifikat li deroga bħal din tinżamm fid-Direttiva biex tagħmel dispożizzjoni biex ikun hemm perjodu ta' stennija ta' tliet snin mid-data tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni?

3. DĦUL U RESIDENZA TA' MEMBRI TAL-FAMILJA

Jeħtieġ li l-Istati Membri jagħtu lill-membri tal-familja l-ewwel permess ta' residenza ta' mill-inqas sena (l-Artikolu 13(2)). Huwa stipulat ukoll li, bi prinċipju, it-tul ta' żmien tal-permessi ta' residenza mogħtija lill-membri tal-familja m'għandux imur lil hinn mid-data tal-iskadenza tal-permess ta' residenza tal-isponsor (l-Artikolu 13(3)).

L-implimentazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet tista' toħloq problema jekk il-perjodu ta' validità li jkun baqa' tal-permess ta' residenza tal-isponsor ikun inqas minn sena fiż-żmien li jinħareġ il-permess ta' residenza tal-membri tal-familja. F'dak il-każ, jista' jkun hemm kunflitt bejn dawk iż-żewġ regoli b'mod partikolari fil-każ meta jkun diġà beda l-proċess biex il-permess ta' residenza tal-isponsor jiġġedded.

M7

Ir-regoli speċifiċi għandhom jipprevedu s-sitwazzjoni fejn il-perjodu ta' validità li jkun baqa' tal-permess ta' residenza tal-isponsor ikun inqas minn sena imma jkun se jiġġedded?

4. KWISTJONIJIET MARBUTA MAL-AŻIL

4.1 L-esklużjoni tal-protezzjoni sussidjarja

Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jibbenefikaw minn protezzjoni sussidjarja huma esklużi mill-applikazzjoni ta' din id-Direttiva (l-Artikolu 3(2)b). Madankollu, il-Programm ta' Stokkolma stieden biex jiġi stabbilit stejtn uniformi ta' protezzjoni li jkun wieħed mill-għanijiet biex titlesta s-Sistema Komuni Ewropea dwar l-Ażil, imsejjes fuq il-fatt li l-ħtiġijiet ta' protezzjoni tar-refuġjati u tal-benefiċjarji ta' protezzjoni sussidjarja huma l-istess. Għaldaqstant, l-għan huwa li d-drittijiet tal-benefiċjarji tal-protezzjoni sussidjarja jitqarrbu lejn id-drittijiet mogħtija lir-refuġjati, kif enfasizzat fir-riformulazzjoni tad-Direttiva ta' Kwalifikazzjoni¹⁶. Għalhekk, tinħoloq il-kwistjoni dwar jekk dan it-tqarrib għandux isir ukoll fir-rigward tar-riunifikazzjoni tal-familja, f'liema każ ikun jeħtieġ li jsir aġġustament fl-ambitu personali tad-Direttiva.

M8

¹⁶ Standards minimi għall-kwalifikazzjoni u għall-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali u l-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (riformulazzjoni) COM(2009)551

Ir-riunifikazzjoni tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jibbenefikaw minn protezzjoni sussidjarja għandha tkun suġġetta għar-regoli tad-Direttiva dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familja?

Il-benefiċjarji tal-protezzjoni sussidjarja għandhom jibbenefikaw mir-regoli l-iktar favorevoli tad-Direttiva dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familja li teżenta lir-refuġjati milli jissodisfaw ċerti kriterji (akkomodazzjoni, assigurazzjoni tas-saħħa, riżorsi stabbli u regolari)?

4.2 Kwistjonijiet oħra relatati mal-ażil

Id-Direttiva tipprovdi biex ikun hemm regoli iktar favorevoli għar-refuġjati (il-Kapitolu V). Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jillimitaw l-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli iktar favorevoli għal ċerti sitwazzjonijiet. Pereżempju, għal rabtiet tal-familja li jkunu nħolqu qabel id-dħul tar-refuġjat fl-Istati Membru (l-Artikolu 9(2)), jew għall-applikazzjonijiet għar-riunifikazzjoni tal-familja li jkunu ġew ippreżentati fi żmien tliet xhur mid-data ta' meta jkun ingħata l-istejtus ta' refuġjat (l-Artikolu 12(1)). Dawn il-limitazzjonijiet li jistgħu jsiru ma jagħtux biżżejjed kas tal-fatturi partikolari tas-sitwazzjoni tagħhom. Ir-refuġjati jiltaqgħu ma' diffikultajiet prattiċi marbuta mas-sitwazzjoni speċifika tagħhom li jkunu ta' natura differenti minn dawk li jiffaċċjaw iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi (pereżempju: problemi biex iżommu l-kuntatt mal-familja li jkunu ħallew warajhom fil-pajjiż ta' orijini). Barra minn hekk, jista' jkun li r-refuġjati jkunu qattgħu perjodi twal f'eżilju jew fit-territorju ta' Stat Membru waqt li kienu qed jistennew ir-riżultat tal-proċedura tal-ażil u f'dak iż-żmien jista' jkun li jkunu fformaw familja. Jista' jkun ukoll li r-refuġjati ma jkunux jafu b'membri tal-familja li jkunu għadhom ħajjin jew ma jkollhomx il-mezzi biex jagħtu informazzjoni dwar fejn jinsabu jew biex jipprovdu d-dokumentazzjoni meħtieġa biex issir applikazzjoni għar-riunifikazzjoni tal-familja fi żmien qasir wara li jingħatalhom stejtus ta' protezzjoni. Jista' jkun li l-membri tal-familja tagħhom ikunu għaddew minn sitwazzjonijiet simili ta' kunflitt, trawma u tbatija kbira bħalma jkunu għaddew minnhom ir-refuġjati nfushom. Għaldaqstant, uħud mill-kwistjonijiet għandhom jitqiesu mill-ġdid f'dan il-kuntest – b'mod partikolari sabiex ikun possibbli li jingħata ġudizzju dwar jekk dawn il-limitazzjonijiet li jistgħu jsiru għandhomx jitħassru mid-Direttiva.

M9

L-Istati Membri għandu jibqa' jkollhom il-possibilità li jillimitaw l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet l-iktar favorevoli tad-Direttiva fil-każ ta' refuġjati li jkollhom rabtiet tal-familja li jkunu nħolqu qabel id-dħul tagħhom fit-territorju ta' Stat Membru?

Ir-riunifikazzjoni tal-familja għandha tiġi ggarantita lil kategoriji usa' ta' membri tal-familja li jkunu jiddependu mir-refuġjati, u jekk iva sa liema grad?

Għandu jibqa' jkun mitlub li r-refuġjati jipprovdu provi li jissodisfaw ir-rekwiżiti f'dak li jirrigwarda l-akkomodazzjoni, l-assigurazzjoni tas-saħħa u r-riżorsi jekk l-applikazzjoni għar-riunifikazzjoni tal-familja ma tiġix ippreżentata fi żmien tliet xhur minn meta jkun ingħata l-istejtus ta' refuġjat?

5. FRODI, ABBUŻ, KWISTJONIJIET PROĊEDURALI

5.1 Intervisti u investigazzjonijiet

L-Artikolu 5(2) tad-Direttiva jagħmel dispożizzjoni biex ikun hemm il-possibilità li jsiru intervisti u investigazzjonijiet jekk dan ikun meqjus meħtieġ. Għadd ta' Stati Membri introduċew il-possibilità li jsiru testijiet tad-DNA bħala prova tar-rabtiet tal-familja. Id-Direttiva ma ssemmix din it-tip ta' prova. Il-Kummissjoni ddikjarat li sabiex ikunu ammissibbli skont il-liġi tal-UE, dawn l-intervisti u investigazzjonijiet oħra jridu jkunu proporzjonati - biex b'hekk id-dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja ma jitlef il-valur tiegħu - u jkun hemm rispett għad-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari għad-dritt għall-privatezza u għall-ħajja tal-familja.

M10

Hemm provi ċari dwar problemi ta' frodi? Kemm hija kbira l-problema (statistika)? Taħseb li jekk ikun hemm regoli dwar l-intervisti u l-investigazzjonijiet, inklużi t-testijiet tad-DNA, dan jista' jkun fattur importanti biex tissolva? Tikkunsidra li jkun utli li jkun hemm regoli iktar speċifiċi fil-livell tal-UE fir-rigward ta' dawn l-intervisti jew investigazzjonijiet? Jekk iva, x'tip ta' regoli tikkunsidra?

5.2 Żwiġijiet ta' konvenjenza

Iż-żwiġ tal-konvenjenza huwa każ speċifiku ta' frodi li l-Istati Membri għandhom jikkontrobattu. Barra mir-regoli ġenerali ta' proċedura, l-Artikolu 16(4) tad-Direttiva jipprovdi biex ikun hemm il-possibilità li jsiru verifiki u spezzjonijiet speċifiċi meta jkun hemm raġuni biex ikun hemm suspett ta' frodi jew ta' żwiġ ta' konvenjenza. Kull sistema nazzjonali għandha regoli bħal dawn; permezz ta' proġett iffinanzjat mill-UE saret ġabra tal-prattiki fl-Istati Membri¹⁷. Madankollu, huwa diffiċli li ssir stima dwar jekk din hix problema kbira għall-Istati Membri u jekk hix marbuta mad-Direttiva.

M11

Hemm provi ċari dwar problemi ta' żwiġijiet ta' konvenjenza? Teżisti statistika dwar żwiġijiet bħal dawn (jekk ġew skoperti)? Għandhom rabta mar-regoli tad-Direttiva? Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet jistgħu jkunu implimentati b'mod iktar effikaċi, u jekk iva, kif?

5.3 Tariffi

Bħalissa m'hemmx armonizzazzjoni fil-livell tal-UE f'dak li jirrigwarda t-tariffi li għandhom jitħallsu għall-iskop tar-riunifikazzjoni tal-familja (tariffi biex issir applikazzjoni, tariffi għal viża u għal permessi ta' residenzi u spejjeż oħra relatati mal-ilħuq tal-kundizzjonijiet bħal-lingwi ta' qabel it-tluq, jekk ikun hemm eċċ.). It-tariffi eċċessivi jistgħu jdgħajfu l-effett tad-

¹⁷ ARGO, Proġett, programm ta' azzjoni dwar il-“Koperazzjoni fil-ġlieda kontra l-abbuż u l-użu ħażin tal-istejnt amministrattiv tal-UE” li jitratta wkoll iż-żwiġijiet ta' konvenjenza li fost kwistjonijiet oħrajn enfasizza l-ħtieġa li tiġi promossa bażi tad-deja komuni u l-ħtieġa li jkun hemm metodu komuni dwar kif jiġu trattati dawn iż-żwiġijiet foloż”.

Direttiva billi jxekklu d-dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja. In-nuqqas ta' regoli tal-UE dwar din il-kwistjoni rriżulta f'livelli differenti ħafna ta' tariffi fl-Istati Membri.

M12

It-tariffi amministrattivi pagabbli fil-proċedura għandhom ikunu rregolati? Jekk iva, ir-regolamentazzjoni għandha tkun f'forma ta' salvagwardji jew għandhom jingħataw indikazzjonijiet iktar preċiżi?

5.4 It-tul tal-proċedura – skadenza għad-deċiżjoni amministrattiva

Il-proċedura ta' applikazzjoni għar-riunifikazzjoni tal-familja tista' tkun pjuttost twila. Id-Direttiva tistabbilixxi skadenza assoluta li fiha l-applikant irid jingħata notifika bil-miktub tad-deċiżjoni. In-notifika tad-deċiżjoni għandha tingħata mhux iktar tard minn disa' xhur mid-data li fiha tkun saret l-applikazzjoni (l-Artikolu 5(4)). Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jestendu din l-iskadenza jekk dan ikun ġustifikat minn ċirkostanzi eċċezzjonali marbuta mal-komplessità tal-applikazzjoni. Fil-prattika dawn l-iskadenzi jiġu stabbiliti b'medja ta' tliet xhur flimkien ma' klawżola ta' estensjoni.

M13

L-iskadenza amministrattiva stipulata mid-Direttiva għall-eżami tal-applikazzjoni hija ġustifikata?

5.5 Klawżoli orizzontali

Hemm żewġ klawżoli orizzontali obligatorji fid-Direttiva. L-Artikolu 5(5) jobbliga lill-Istati Membri li meta jeżaminaw applikazzjoni jagħtu l-attenzjoni xierqa lill-aħjar interessi tat-tfal minorenni. Din id-dispożizzjoni hija riflessjoni tal-obbligu li hemm fl-Artikolu 24(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u fl-Artikolu 3(1) tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal li l-aħjar interess tat-tifel jew tat-tifla għandu jiġi kkunsidrat l-ewwel u qabel kollox fl-ażżjonijiet relatati mat-tfal, kif ukoll tal-ħtieġa, imsemmija fl-Artikolu 24(3) tal-Karta, li tifel jew tifla jżommu relazzjoni personali fuq bażi regolari maż-żewġ ġenituri. Fil-każistika rilevanti tagħha, il-QTĠ enfasizzat iktar dawn id-dispożizzjonijiet tal-Karta u l-Artikolu 5(5).¹⁸ Kif intwera fir-rapport dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva, ħafna Stati Membri xorta implimentaw din il-klawżola permezz ta' referenza ġenerali għal strumenti internazzjonali oħrajn (pereżempju l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal)¹⁹.

Il-klawżola orizzontali l-oħra, l-Artikolu 17, hija obbligu li jitqiesu kif xieraq n-natura u s-saħħa tar-rabtiet li l-persuna jkollha mal-familja, it-tul ta' żmien tar-residenza tiegħu jew tagħha fl-Istat Membru u l-eżistenza tal-familja; ir-rabtiet kulturali u soċjali mal-pajjiżi ta' oriġini tiegħu jew tagħha. Fi kliem ieħor, din il-klawżola tobbliga lill-Istati Membri jagħmlu eżamijiet individwali f'kull każ, punt li ġie speċifikament imtenni mill-QTĠ fil-każistika tagħha²⁰.

¹⁸ QTĠ C-540/03

¹⁹ COM (2008) 610 p 11.

²⁰ C-540/03; QTĠ C-578/08.

M14

Kif tista' tiġi ffaċilitata u żgurata fil-prattika l-applikazzjoni ta' dawn il-klawżoli orizzontali?

6. KONKLUŻJONIJIET U SEGWITU

Il-Kummissjoni għandha l-għan li tniedi diskussjoni wiesgħa mal-partijiet interessati kollha. L-istituzzjonijiet tal-UE, l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, il-pajjiżi kandidati, il-pajjiżi terzi sħabna, l-organizzazzjonijiet intergovernattivi kif ukoll dawk mhux governattivi, l-atturi tal-istat u l-fornituri ta' servizzi privati li huma involuti mal-membri tal-familja, l-akkademiċi, is-sħab soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-individwi huma lkoll kemm huma mistiedna jikkontribwixxu billi jirrispondu għall-mistoqsijiet ta' hawn fuq.

Il-Kummissjoni qed tippjana li torganizza smiġh pubbliku. Sabiex tfejji għalih, il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet interessati kollha biex jibagħtu t-tweġibiet tagħhom għal din il-konsultazzjoni bil-miktub sa mhux iktar tard mill-1 ta' Marzu 2012 lil:

L-Unità tal-Immigrazzjoni u l-Integrazzjoni – “Green Paper dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familja”

Id-Direttorat-Ġenerali għall-Affarijiet Interni

Il-Kummissjoni Ewropea

B-1049 Brussell

e-mail: HOME-family-reunification-green-paper@ec.europa.eu

Il-kontribuzzjonijiet rilevanti kollha se jiġu ppubblikati fil-portal web ‘Il-Vuċi Tiegħek fl-Ewropa’ http://ec.europa.eu/yourvoice/consultations/index_mt.htm

Anness: Ir-riunifikazzjoni tal-familja f'ċifri

L-għadd totali ta' permessi ta' residenza maħruġa lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li nġhaqdu ma' persuni li mhumiex ċittadini tal-UE (raġunijiet ta' familja) imqabbel mal-għadd totali ta' permessi ta' residenza maħruġa lil ċittadini ta' pajjiżi terzi (għar-raġunijiet l-oħra kollha)

PAJJIŻ/SENA	L-ewwel permessi maħruġa, minħabba raġunijiet ta' familja, lil ċittadini ta' pajjiżi terzi (ĊPT) li nġhaqdu ma' persuni li mhumiex ċittadini tal-UE			L-għadd totali tal-ewwel permessi ta' residenza maħruġa lil ĊPT għar-raġunijiet l-oħra kollha			Il-porzjon tal-permessi maħruġa lil ĊPT li nġhaqdu ma' persuni li mhumiex ċittadini tal-UE bħala parti mill-għadd totali ta' permessi maħruġa lil ĊPTi		
	2008	2009	2010	2008	2009	2010	2008	2009	2010
Il-Belġju	7,333	8,596	9,997	46,201	58,939	67,653	15.9	14.6	14.8
Il-Bulgarija	1,480	1,482	1,725	3,933	4,385	4,051	37.6	33.8	42.6
Ir-Repubblika Ċeka	9,712	8,281	13,398	61,350	27,539	34,653	15.8	30.1	38.7
Id-Danimarka	:	1,410	1,490	31,655	30,255	28,576	:	4.7	5.2
Il-Ġermanja	29,215	29,761	28,200	114,289	121,954	117,202	25.6	24.4	24.1
L-Estonja	:	:	:	3,884	3,777	2,647	:	:	:
L-Irlanda	456	568	300	28,926	25,509	22,235	1.6	2.2	1.3
Il-Greċja	18,684	19,570	13,398	40,411	45,148	33,623	46.2	43.3	39.8
Spanja	103,640	82,521	89,905	399,827	290,813	257,918	25.9	28.4	34.9
Franza	32,333	29,607	29,400	188,723	193,500	194,973	17.1	15.3	15.1
L-Italja	60,134	70,904	160,200	550,226	506,833	589,988	10.9	14.0	27.2
Ċipru	1	1	741	25,156	25,638	19,139	0.0	0.0	3.9
Il-Latvja	1,498	414	413	7,706	2,304	2,329	19.4	18.0	17.7
Il-Litwanja	641	764	691	5,298	2,659	1,861	12.1	28.7	37.1
Il-Lussemburgu	:	:	:	:	:	:	:	:	:
L-Ungerija	5,337	1,144	1,349	37,486	14,289	14,601	14.2	8.0	9.2
Malta	172	61	30	4,989	3,682	2,763	3.4	1.7	1.1
Il-Pajjiżi I-Baxxi	:	:	:	62,589	56,489	54,478	:	:	:
L-Awstrija	7,891	7,651	7,838	21,783	28,035	30,596	36.2	27.3	25.6
Il-Polonja	8,805	8,549	598	40,907	33,427	101,574	21.5	25.6	0.6
Il-Portugall	17,087	11,036	11,967	63,715	46,324	37,010	26.8	23.8	32.3
Ir-Rumanija	1,216	1,261	910	19,354	15,380	10,218	6.3	8.2	8.9
Is-Slovenja	0	2,110	2,231	29,215	15,759	7,537	0.0	13.4	29.6
Is-Slovakkja	619	640	697	8,025	5,336	4,373	7.7	12.0	15.9
Il-Finlandja	4,915	4,304	4,302	21,873	18,034	19,210	22.5	23.9	22.4
L-Isvezja	35,050	36,325	25,358	84,144	91,337	74,931	41.7	39.8	33.8
Ir-Renju Unit	106,538	96,341	103,187	633,170	671,324	732,208	16.8	14.4	14.1
Total UE ²¹	452,757	423,301	508,325	2,534,835	2,338,669	2,466,347	17.9	18.1	20.6

²¹

Total tal-UE, bl-esklużjoni ta' dawk l-Istati Membri li m'hemmx dejta fir-rigward tagħhom.

Sors tad-dejta: Eurostat.

Id-dejta tas-snin qabel l-2008 mhix disponibbli peress li l-ġbir tad-dejta dwar il-permessi ta' residenza ġie stabbilit permezz tar-Regolament 862/2007, u l-2008 hija l-ewwel sena ta' referenza. L-Estonja u l-Pajjiżi l-Baxxi ma pprovdewx dejta dwar l-ewwel permessi maħruġa lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li nġhaqdu ma' persuni li mhumiex ċittadini tal-UE, minħabba li din id-dejta ma tistax tiġi separata minn permessi oħra maħruġa għal raġunijiet ta' familja. Id-Danimarka ma pprovdietx id-dejta għas-sena 2008. Il-Lussemburgu ma pprovdie x id-dejta għas-snin 2008-2010.

Il-proporzjon ġenerali relattivament baxx ta' permessi maħruġa għal raġunijiet ta' familja meta mqabbel ma' permessi oħra huwa minħabba l-fatt li din l-istatistika tagħti biss stampa tar-riunifikazzjoni tal-familja u ma tinkludix lil daw k il-membri tal-familja li huma ċittadini ta' pajjiżi terzi li jingħaqdu ma' ċittadini tal-UE.

L-għadd tal-ewwel permessi ta' residenza maħruġa lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li jingħaqdu ma' persuni li mhumiex ċittadini tal-UE minħabba raġunijiet ta' familja, skont it-tip ta' membru tal-familja.

RAĠUNI	Raġunijiet ta' familja: Persuna li tingħaqad ma' persuna li mhix ċittadina tal-UE			
	Total	Konjuġi/sieħeb jew siefba li jingħaqdu ma' persuna li mhix ċittadina tal-UE	Tifel jew tifla li jingħaqdu ma' persuna li mhix ċittadina tal-UE	Membru ieħor tal-familja li jingħaqad ma' persuna li mhix ċittadina tal-UE
PAJJIŻ/SENA - 2010				
Il-Belġju	9,997	4,157	5,831	9
Il-Bulgarija	1,725	:	:	:
Ir-Repubblika Ċeka	13,398	4,547	7,626	1,225
Id-Danimarka	1,490	600	890	0
Il-Ġermanja	28,200	11,912	15,895	393
L-Estonja	:	:	:	:
L-Irlanda	300	112	117	71
Il-Greċja	13,398	4,044	9,354	0
Spanja	89,905	19,140	69,099	1,666
Franza	29,400	:	:	:
L-Italja	160,200	67,509	70,336	22,355
Ċipru	741	:	:	:
Il-Latvja	413	254	78	81
Il-Litwanja	691	:	:	:
Il-Lussemburgu	:	:	:	:
L-Ungerija	1,349	0	794	555
Malta	30	2	21	7
Il-Pajjiżi l-Baxxi	:	:	:	:
L-Awstrija	7,838	:	:	:
Il-Polonja	598	291	286	21
Il-Portugall	11,967	916	1,013	10,038
Ir-Rumanija	910	424	429	57
Is-Slovenja	2,231	:	:	:
Is-Slovakkja	697	401	75	0

Il-Finlandja	4,302	1,576	2,497	229
L-Isvezja	25,358	18,223	6,938	197
Ir-Renju Unit	103,187	:	:	: